# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 21 ta' Novembru 2001**

**Avviz. numru 673/01**

**Numru 25**

**Rausi Insurance Agency Ltd**

**vs**

**Andrew Vaswani**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm2273.41 (elfejn mitejn tlieta u sebghin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu), ammont dovut mill-konvenut, rappresentanti hlas ta' premiums fuq poloz ta' assigurazzjoni mahruga mis-socjeta' attrici fuq ordni tal-konvenut stess u dana skond ma jidher mill-istatement anness mal-avviz u mmarkat bhala Dok A.

Bl-imghax u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali tat-13 ta' Gunju 2001 u dawk tal-mandat ta' qbid pprezentatat mal-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-anness dokument a fol 2 tal-atti u mmarkat "Dok A".

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fil-14 ta' Novembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm2,273.41,0 bl-imghax legali mit-13 ta' Lulju 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali tat-13 ta' Gunju 2001 u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju tat-13 ta' Lulju 2001.

Alan Calleja
Deputat Registratur